

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar il-miżuri antidumping fis-seħħ fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' melamina li toriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina: bidla fl-isem ta' kumpanija soġġetta għall-prezz minimu ta' importazzjoni

(2014/C 414/05)

L-importazzjonijiet ta' melamina li toriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina huma soġġetti jew għall-prezz minimu ta' importazzjoni jew għad-dazju antidumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 457/2011⁽¹⁾ ("ir-Regolament (UE) Nru 457/2011").

Fis-6 ta' Awwissu 2014, ix-Shandong Liaherd Chemical Industry Co., Ltd., kumpanija li hija soġġetta għall-prezz minimu ta' importazzjoni, innotifikat lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-isem tagħha għal Holitech Technology Co., Ltd.

Il-kumpanija sostniet li l-bidla tagħhom fl-isem ma taffettwax id-dritt tagħhom li jkomplu jibbenefikaw mill-prezz minimu ta' importazzjoni.

Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni mogħtija u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ma taffettwa bl-ebda mod is-sejbiet tar-Regolament (UE) Nru 457/2011.

Għaldaqstant, ir-referenza fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 457/2011 għal:

Shandong Liaherd Chemical Industry Co., Ltd

għandha tinbidel għal:

Holitech Technology Co., Ltd.

Il-kodiċi addizzjonali TARIC A987, li qabel kien attribwit lil Shandong Liaherd Chemical Industry Co., Ltd., japplika għal Holitech Technology Co., Ltd.

⁽¹⁾ ĠUL 124, 13.5.2011, p. 2.